MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Numru. 59/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Hussein Hamada, ta' 18-il sena bin Ali u Ansaf Abel, imwieled l-Egittu nhar l-20 ta' Ottubru, 1988 u residenti fil-fond numru Sydney Flat 4, Triq ta' Cordina, Ghajnsielem**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Hussein Hamada li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-23 ta' Awwissu, 2007, gewwa Ghajnsielem, ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (1:30a.m.);

a) hebb kontra persuni sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil Adam Chandeller, Joshua Cohan,

Michael Holloway, Paul Holloway, Daniel Pallace, Robert Pallace u Steve Pluner kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici;
b) ghamel jew ingurja lil hawn fuq imsemmija A Chandeller, J. Cohen, M. Holloway, P. Holloway, D. Pallace, R. Pallace u S. Pluner jew theddid mhux imsemmi bnadi ohra ta' dan il-Kodici;
c) imbotta lill-imsemmija A. Chandeller, J. Cohen, M. Holloway, P. Holloway, D. Pallace, R. Pallace u S. Pluner fit-triq biex iwegghu jew jinsultahom;
d) u aktar talli fl-istess post, data, hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi;
e) ukoll talli kkaguna griehi ta' natura gravi lil Paul Holloway skond ma ccertifika Dr T.G. Farrugia MD;
Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-17 ta' Lulju, 2008;

Semghet illi l-imputat kellu oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Saret trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti esposti f'dan il-kaz fil-kors tas-smigh tal-provi, irrizulta illi l-incident mertu ta' din il-kawza kellu bhala qofol tieghu glieda bejn zewg gruppi ta' zghazagh wiehed Malti u l-iehor Ingliz. L-incident inqala' f'diskoteka organizzata f'gieh il-festa tar-rahal ta' Ghajnsielem. Jidher illi z-zghazagh tlewmu ghar-rigward ta' xi tfajliet Inglizi li kienu fil-kumpanija taz-zghazagh Maltin, izda li maghhom iz-zghazagh Inglizi kienu ltaqghu f'xi bar vicin qabel ma nizlu din id-diskoteka;

Jidher illi t-tfajliet kienu fil-kumpanija ta’ Ferdinando Apap u Clayton Farrugia meta gew avvicinati minn xi zaghzugh Ingliz. X’gara ezattament f’dan il-punt ma huwiex car peress illi filwaqt illi l-Inglizi involuti Steve Pluner u Robert Pallace jghidu illi huma ghamlu xejn ghajr li kellmu lit-tfajliet li kienu fil-kumpanija ta’ Fredinando Apap u Clayton Farrugia, dawn min-naha taghhom stqarrew illi l-Inglizi bdew jittantaw lil dawn it-tfajliet u li wiehed minnhom anke beda joffendi lil Apap peress illi dan tal-ahhar kien b’zaqqu barra. Ukoll ma huwiex cert kif iz-zghazagh gew fl-idejn ghaliex filwaqt li l-Inglizi jistqarru illi Ferdinando Apap imbuttahom u Hussein Hamada qabad lil Michael Holloway minn idejh, il-Maltin jghidu bil-kontra u cioe’ illi l-Inglizi mbuttawhom u hebbew ghalihom u li huma fl-ebda hin ma sawtuhom jew hebbew ghalihom;

Illi madanakollu jirrizulta mill-atti processwali illi z-zghazagh Maltin telqu jigru wara l-Inglizi ghas-sodisfazzjon. Dana huwa ammess kemm mill-imputat, kif ukoll miz-zewg zghazagh l-ohra Maltin li xehdu f’dawn il-proceduri. L-Inglizi fil-fatt kollha jikkonfermaw illi l-Maltin bdew jigru warajhom tant illi huma bezghu u whud minnhom anke nhbew f’xi ghelieqi fil-vicin. Inoltre ghalkemm iz-zghazagh Maltin fosthom Ferdinando Apap u Roderick Sultana jghidu illi z-zghazagh Inglizi bdew isawtuhom u anke bdew ituhom bis-sieq tant illi anke sofrew xi griehi, (ara fol. 80 u 83), madanakollu l-ebda certifikat mediku ma gie provdut sabiex jissostanzja dawn l-allegazzjonijiet;

Il-Qorti ghalhekk temmen illi dana l-incident verament sehh minhabba incident li nqala’ bejn dawn iz-zghazagh ghar-rigward tat-tfajliet Inglizi li kienu prezenti, izda jidher illi z-zghazagh Maltin ma ghogbithomx l-attitudni tal-Inglizi u ghalhekk aggredewhom sabiex ibezzghawhom u jitilqu minn hemm;

Illi nonostante mill-provi migjuba fl-atti processwali huwa difficli sabiex jigi stabbilit ezattament dak li sehh fil-glieda u dana peress illi l-Inglizi ma gharfux lill-aggressuri kollha taghhom, jidher illi kollha jindikaw lil Ferdinando u lil Clayton Farrugia bhala z-zewg zghazagh li kienu nvoluti

principalment f'dana l-incident. Jghidu illi kien Ferdinando Apap li mbuttahom, raw lil Clayton Farrugia jaghti xi daqqiet lil Michael Holloway u lil Steven Pluner, kif ukoll identifikaw lill-imputat Hussein Hamada bhala l-persuna li hataf lil Michael Holloway minn idejh u li mbaghad telaq jigri warajhom. Ghalkemm jghidu wkoll illi lil Roderick Sultana rawh ukoll hemmhekk, izda jghidu wkoll illi dana z-zaghzugh ma rawh jaghmel xejn, (ara x-xhieda ta' Joshua Cohen, Steven Pluner, Robert Pallace, Michael Holloway, Adam Chandeller, Paul Hollyway u Daniel Pallace);

Illi f'dana l-incident jidher illi kienu biss Adam Chandeller u Paul Hollyway li sofrew xi griehi. Madanakollu mix-xhieda ta' Dr. Teddy George Farrugia li ezaminahom, jirrizulta illi l-griehi sofferti minn dawn iz-zewg zghazagh kienu griehi ta' natura hafifa biss, (ara xhieda a fol. 57);

Ikkunsidrat;

Illi fin-nota ta' rinviju tas-17 ta' Gunju, 2008, l-Avukat Generali jindika illi f'dan il-kaz tista' tinstab htija dwar ir-reati ikkomtemplati fl-Artikoli 214, 216, 217 u 221 tal-Kapitolu 9, kif ukoll dwar ir-reati l-ohra ta' natura kontravenzjonali ikkomtemplati fl-Artikoli 339 u 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi mill-fatti kif esposti iktar 'il fuq jidher car illi ma tista' tinstab l-ebda htija fil-konfront tal-imputat ghar-rigward tar-reat tal-offiza fuq il-persuna ta' Paul Holloway kif ikkontemplat fil-hames (5) akkuza fil-konfront tieghu. Dana qed jinghad ghaliex filwaqt illi jidher illi l-imsemmi Holloway sofra biss griehi ta' natura hafifa, fuq kollox l-istess vittma ma kienx kapaci jindika min kien l-aggressur tieghu u inoltre l-ebda xhud iehor ma jindika l-persuna li aggrediet lill-istess Holloway (ara xhieda ta' Paul Holloway a fol. 25), 'Jiena ma nafx min kienet il-persuna illi sabtitli wicci mal-arblu tad-dawl …… u lanqas nista' naghraf l-ucuh tal-persuni li bdew isegwuni';

Illi fir-rigward tal-akkuzi l-ohra ta' natura ta' kontravenzjoni, l-unika haga li rrizulta mill-provi, illi l-imputat kien hebb

ghal Michael Holloway meta hatfu minn idejh kif ukoll illi huwa beda jigri wara z-zghazagh Inglizi u dana sabiex idejjaqhom. Ma rrizultax illi l-istess imputat ingurja lil xi hadd bil-kliem jew inkella illi mbotta lil xi hadd u li huwa qal xi dagha jew kliem fahxi;

Ghaldaqstant l-imputa tista' jinstab hati biss illi hebb ghall-Inglizi involuti f'dan l-incident b'mod specjali ghal Michael Holloway kif ukoll illi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika meta gie involut f'din il-glieda;

Ghalqastant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tilliberah mit-tieni (2), mit-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-ewwel (1) u r-raba (4) akkuzi rigward biss il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika u tikkundanah ghall-hlas ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) ammenda ghal kull imputazzjoni;

Billi jirrizulta lli l-vittma f'dan l-incident jirrisjedi gewwa l-Ingilterra, ma hemmx lok illi l-Qorti tapplika d-disposizzjoni tal-Artikoli 383 u 412 (c) tal-Kapitolu 9 fil-konfront tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------